MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 233/2005

**Mayer Scicluna**

**vs**

**TN Waterproofing Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-7 ta` Marzu, 2005, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur kien jahdem mas-socjeta` TN Waterproofing Limited bhala *“skilled labourer”*;

Fis-26 ta` Awissu, 2004, l-attur kellu incident fuq il-post tax-xoghol tieghu, bir-rizultat ta` liema huwa sofra danni ta` natura personali u permanenti tant illi huwa fil-fatt tilef subghajh iz-zghir ta` idu l-leminija;

Tali incident sehh b`tort unikament tas-socjeta` konvenuta u dana minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta` l-istess socjeta` konvenuta, u anke minhabba l-fatt illi l-istess socjeta` konvenuta ma pprovdietx ambjent sikur ta` xoghol ghall-attur;

Is-socjeta` konvenuta interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti;

Talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ta` l-incident illi sehh fis-26 ta` Awissu, 2004 meta l-attur tilef subghajh iz-zghir ta` idu l-leminija waqt li kien qieghed jizvolgi x-xoghol tieghu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, u dan okkorendo permezz ta` periti nominandi;

3. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas d-danni hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, l-imghax u s-socjeta` konvenuta ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. Hija ma tahti xejn ghall-incident mertu ta` din il-kawza u ghalhekk ma hemm ebda danni x`jigu likwidati fil-konfront taghha.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-18 ta` Novembru, 2005, li in forza tieghu inhatar bhala perit mediku Dr. Charles

Swain sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar jekk l-attur isofrix jew le minn dizabilita` permanenti;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit mediku pprezentat fis-27 ta` Jannar, 2006, u mahluf fit-28 ta` Marzu, 2006;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi l-attur jahdem bhala *"skilled labourer"* mas-socjeta` konvenuta, u xogholu principalment jikkonsisti fi tqeghid ta` membrane fuq siti skond l-ordnijiet li tircievi s-socjeta` konvenuta. Fis-26 ta` Awissu, 2004, l-attur u siehbu Stephen Debattista intbaghtu mis-socjeta` konvenuta biex jaghmlu xoghol ta` tqeghid ta` *water-proof membrane* fuq is-soqfa ta` diversi *garages* f`H`Attard. Ghal dan ix-xoghol, l-attur ha mieghu, kif jaghmel is-soltu, il-blow lamp li juza sabiex ikun jista` jsahhan u jaqta` l-membrane, u cilindru tal-gass sabiex ikun jista` jhaddem il-blow-lamp. Meta l-attur lesta x-xoghol, hu refa` c-cilindru tal-gass fuq spaltu u beda jimxi fuq is-soqfa tal-garages biex imur lura lejn il-van tieghu u jerfghu f`postu. Il-livelli tas-soqfa tal-garages ma kienux kollha uniformi, u bejn wahda u ohra kien hemm dislivell ta` xi targa. Waqt li l-attur kien niezel targa, siequ giet fuq gilder (speci ta` tavla li l-bennejja juzaw biex jaghtu l-konkos f`xi soqfa tal-bini), u zelaq. Peress li hassu se jaqa`, telaq ic-cilindru tal-gass minn idejh, u hareg idu it-tnejn 'il quddiem biex jilqa` l-waqa`. Sfortunatament, ic-cilindru tal-gass, meta niezel, waqa` fuq sebghu z-zghir ta` idu l-leminija, u bicca sew minn subajh giet maqtugha. Sar intervent kirurgiku fuq idu l-leminija, izda l-parti maqtugha ta` subajh ma setghetx tigi mehjuta lura f`posta. L-attur kien liebes s-*safety shoes* li ipprovdietlu l-kumpanija, pero`, ma kienx

liebes ingwanti peress li x-xoghol fuq il-membraine ma jkunx jista` jsir sew jekk il-haddiem ikun liebes l-ingwanti.

Din il-Qorti mhux l-ewwel darba li rrimarkat fuq id-dover ta` min ihaddem biex jipprovdi *"a safe system of work"* ghall-impjegati tieghu. F`dan il-kaz, l-incident ma sehhx fil-fabbrika jew fil-kwartieri ta` min ihaddem, izda fuq sit ta` terzi. Il-principju, pero`, jibqa` wiehed u l-istess. Meta min ihaddem jibghat lill-haddiema tieghu jahdmu fuq sit, dak is-sit ghandu jitqies bhala estensjoni tal-post tax-xoghol ta` min ihaddem. Meta haddiem jintbaghat mill-imghallem tieghu biex iwettaq xoghol fuq sit, dak is-sit ghandu jitqies bhala l-*"fabbrika"* ta` min ikun qed ihaddem in-nies, u hekk jibqa` jitqies sakemm ix-xoghol jitlesta u l-haddiema jkunu telqu minn fuq dak is-sit. Huwa dmir ta` min ihaddem li qabel ma jibghat il-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol jivverifika li din tkun *"in a condition that is safe"* u minghajr riskji ghas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema tieghu, u li *"the means of access to and egress from it are safe and without risks"*.

Min ihaddem ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu s-sit fejn ikun se jibghat il-haddiema tieghu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konducenti ghal perikli ghas-sahha tal-haddiema tieghu. Huma dover ta` min ihaddem li jispezzjona l-post, jevaljuwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jaghmel ix-xogholijiet mehtiega biex inehhi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min ihaddem ghandu jirrifjuta jesegwixxi x-xoghol u jesponi l-haddiema tieghu ghal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Montanaro Gauci", deciza fl-14 ta` Mejju, 2004, *"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'"*.

F`dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta m`ghamlet ebda spezzjoni tas-sit, izda meta inghatat il-kuntratt, baghtet il-haddiema taghha fuq is-sit minghajr konsiderazzjoni jekk is-sit kienx jew le hieles mill-periklu; hi baghtet il-

haddiema taghha meta kienet fl-ghama dwar is-sigurta` tas-sit, u bghatithom biex ifendu ghar-rashom. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza "Gauci vs Korporazzjoni Enemalta", deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006, qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu *"li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed safe"*.

Jekk mhux dejjem ikun possibbli li s-sit jigi invistat qabel ma jintbaghtu l-haddiema, min ihaddem ghandu, mal-haddiema tieghu, jibghat supervisor tal-esperjenza biex jara li s-sit fejn ikun se jahdmu l-haddiema ikun *safe.* Hu presumibbli li f`sit ta` kostruzzjoni jkun hemm *debris* u imbarazz mixhud 'l hawn u 'l hinn, u hu obbligu ta` min ihaddem biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali ("Grech vs Farrugia noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994). Kif intqal drabi ohra *"employees tend to get careless about risks involved in their daily work"*, u hu l-obbligu ta` min ihaddem li jikkawtela kontra dan ("Schembri vs Caruana noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta` Jannar, 1983).

Mhiex skuzanti li l-attur, li kellu l-wisgha tal-bejt kollu fejn seta` jmid riglejh, kellu proprju jnizzel siequ fejn kienet dik it-tavla, ghax dan il-fatt kien prevedibbli u possibbli, tant li hekk gara! Kien obbligu ta` min ihaddem jara li dik it-tavla ma kellhiex tkun fuq is-sit, u li l-access lejn u mil-lant tax-xoghol kien hieles minn kull ostakolu.

Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahhet fuq il-htiega ta` supervizzjoni ("Agius vs All Services Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien *safe*, izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-appart kollu fornit lilhom. Kif spjega Stephen Debattista, dak li kien mal-attur qed jahdem fuq is-sit in kwistjoni, il-kumpanija tfornihom b`karetta ghal gar tac-cilindru tal-gass, pero`, huma rari hafna juzawh u kwazi dejjem igorru t-tank tal-gass fuq spallejhom; kieku, f`dan il-kaz, ic-

cilindru tal-gass ingarr bil-karretta, l-incident, forsi, ma kienx isehh. Avvolja fuq is-soqfa kien hemm xi targa bejn saqaf u iehor, bl-uzu tal-karretta, ic-cilindru seta jitella u/jew jitnizzel b`anqas periklu. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-Pulizija vs Attard", deciza fit-2 ta` Settembru, 1999, min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm *available* apparat ta` *safety*, izda ghandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu tal-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita.

Kwindi, l-Qorti hija tal-fehma li ghall-incident in kwistjoni tahti unikament is-socjeta` konvenuta.

Dwar il-quantum tad-danni reklamati mill-attur, hu qed jitlob kumpens minhabba *lucrum cessans,* li sejjer jigi kkalkulat bis-sistema tal-*multiplier* soltu adoperati mill-Qrati taghna. Jirrizulta li hu kellu 25 sena meta sehh l-incident, u kwindi, fil-kuntest tad-decizjonijiet ricenti moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, sejra tadotta multiplier ta` 30.

Peress li t-tobba ex parte ma qablux dwar il-grad ta` dizabilita` li qed isofri l-attur, din il-Qorti htiegilha tahtar espert mediku indipendenti li rrelata li l-attur kien u ghadu jbati minn dizabilita` ta` 7%, u dana rizultat dirett tal-incident.

Dwar id-dhul tal-attur, jirrizulta li l-paga tieghu tissupera bi ftit il-minimum wage nazjonali, pero`, l-Qorti, meta qieset il-possibilita` li kellu l-attur li javvanza f`xogholu, u qieset ukoll ic-cirkostanza li hi tendenza li pagi jallew kwazi kull sena, sejra tadotta figura ta` Lm5500, bhala li tirrappresenta d-dhul annwali tal-attur.

B`hekk, il-kumpens dovut lill-attur ghat-telf tal-qliegh futur ghandu jigi kkalkulat hekk:

$$\text{Lm } 5500 \times 30 \times 7\% = \text{Lm}11550$$

Peress li s-somma sejra tinghata f`daqqa lill-attur, ghandu jsir tnaqqis biex jaghmel tajjeb ghal dan (komunement maghrufa bhala *"lump sum deduction"*), u, f`dan il-kaz,

peress li l-incident sehh fl-2004, it-tnaqqis ghandu jkun ta` 18%.  B`hekk il-kumpens jnizel ghal Lm9,471.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tilqa` t-talbiet tal-attur, tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur, in linea ta` danni, s-somma ta` Lm9,471 (disgha t`elef, erba` mija u wiehed u sebghin liri Maltin), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------